**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Novembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Överklagandenämnden för studiestöd – l-Isvezja) – MCM vs Centrala studiestödsnämnden**

**(Kawża C-638/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-persuni – Artikolu 45 TFUE – Ugwaljanza fit-trattament – Vantaġġi soċjali – Regolament (UE) Nruº492/2011 – Artikolu 7(2) – Għajnuna finanzjarja għal studji fl-edukazzjoni ogħla fi Stat Membru ieħor – Rekwiżit ta' residenza – Rekwiżit alternattiv ta' integrazzjoni soċjali għall-istudenti mhux residenti – Sitwazzjoni ta' student ċittadin tal-Istat li jgħatti l-għajnuna, residenti sa minn twelidu fl-Istat tal-istudji)***

(2023/C 24/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Överklagandenämnden för studiestöd

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* MCM

*Konvenut:* Centrala studiestödsnämnden

**Dispożittiv**

L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal ħaddiema fi ħdan l-Unjoni,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti, lill-wild ta' persuna li telqet mill-Istat Membru ospitanti li fih hija ħadmet sabiex tmur lura tgħix fl-ewwel Stat Membru li tiegħu hija ċittadina, ta' għajnuna finanzjarja intiża sabiex jiġu segwiti studji fl-Istat Membru ospitanti, għar-rekwiżit li l-wild ikollu rabta mal-Istat Membru ta' oriġini, f'sitwazzjoni li fiha, minn naħa, il-wild jirrisjedi sa minn twelidu fl-Istat Membru ospitanti u, min-naħa l-oħra, l-Istat Membru ta' oriġini jissuġġetta liċ-ċittadini l-oħra li ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' residenza u li jitolbu tali għajnuna finanzjarja sabiex jistudjaw fi Stat Membru ieħor għar-rekwiżit relatat mal-eżistenza ta'rabta.

[1] ĠU C 53, 15.02.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Novembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Den Haag – il-Pajjiżi l-Baxxi) – X vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid**

**(Kawża C-69/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Artikoli 4, 7 u 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Projbizzjoni ta' trattamenti inumani jew degradanti – Rispett tal-ħajja privata u tal-familja – Protezzjoni fil-każ ta' tneħħija, ta' tkeċċija u ta' estradizzjoni – Dritt ta' residenza għal raġunijiet mediċi – Standards u proċeduri komuni applikabbli fl-Istati Membri għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment – Direttiva 2008/115/KE – Ċittadin ta' pajjiż terz li jbati minn marda gravi – Kura medika maħsuba sabiex jitnaqqas l-uġigħ – Kura indisponibbli fil-pajjiż tal-oriġini – Kundizzjonijiet li taħthom it-tneħħija għandha tiġi posposta)***

(2023/C 24/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank Den Haag

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* X

*Konvenuta:* Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, moqri flimkien mal-Artikoli 1 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 19(2) tagħha,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   jipprekludi li deċiżjoni ta' ritorn jew miżura ta' tneħħija tittieħed fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li jirrisjedi irregolarment fit-territorju ta' Stat Membru u li jsofri minn marda gravi, meta jkunu jeżistu raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata ser tiġi esposta, fil-pajjiż terz li lejh tkun ser titneħħa, għal riskju reali ta' żieda sinjifikattiva, irremedjabbli u rapida tal-uġigħ tagħha, fil-każ ta' ritorn, minħabba l-projbizzjoni, f'dan il-pajjiż, tal-unika kura analġeżika effettiva. Stat Membru ma jistax jipprevedi terminu strett li matulu tali żieda għandha timmaterjalizza ruħha sabiex tkun tista' tiġi ostakolata din id-deċiżjoni ta' ritorn jew din il-miżura ta' tneħħija.

2) L-Artikolu 5 u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikoli 1 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll l-Artikolu 19(2) tagħha,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   jipprekludu li l-konsegwenzi tal-miżura ta' tneħħija, fil-veru sens tal-kelma, fuq l-istat ta' saħħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti biss sabiex jiġi eżaminat jekk dan huwiex fi stat li jivvjaġġa.

3) Id-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikoli 7, kif ukoll l-Artikoli 1 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

   għandha tiġi interpretata fis-sens li:

   — ma teżiġix li Stat Membru, li fit-territorju tiegħu ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed jirrisjedi irregolarment, jagħti lill-imsemmi ċittadin permess ta' residenza meta ma jkunx jista' jkun is-suġġett la ta' deċiżjoni ta' ritorn u lanqas ta' miżura ta' tneħħija, minħabba l-fatt li jeżistu raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li ser ikun espost, fil-pajjiż ta' destinazzjoni, għar-riskju reali ta' żieda rapida, sinjifikattiva u irremedjabbli tal-uġigħ ikkawżat mill-marda gravi li huwa jbati minnha;

   — l-istat ta' saħħa ta' dan iċ-ċittadin u l-kura li huwa jirċievi f'dan it-territorju, minħabba din il-marda, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, flimkien mal-elementi rilevanti l-oħra kollha, mill-awtorità nazzjonali kompetenti meta teżamina jekk id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-imsemmi ċittadin jipprekludix li huwa jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ta' miżura ta' tneħħija;

   — l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni jew miżura ma tiksirx dan id-dritt għas-sempliċi raġuni li, fil-każ ta' ritorn lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni, dan ikun espost għar-riskju li l-istat ta' saħħa tiegħu jiddeterjora, meta tali riskju ma jilħaqx il-limitu ta' gravità meħtieġ skont l-Artikolu 4 tal-Karta.

(1) ĠU C 163, 3.5.2021.